MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 774/2004

**Fogg Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezententanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijeit ta' l-assigurat taghha Toninu Caruana abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Toninu Caruana**

**vs**

**Toninu Sammut**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fis-6 ta' April 2004 li permezz tieghu l-atturi talbu mitejn disgha u disghin lira Maltija (Lm299.55) in linea ta' danni sofferti f'incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' JaNnar 2002 ghall-habta tas-7.30am fi Triq Xeht il-Forom Zejtun bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni FAJ 526 propjeta` ta' l-attur u l-

vettura numru ta’ registrazzjoni JAU 073 misjuqa mill-konvenut liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza imperizja u non esservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tal-konvenut, bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 10 ta’ Dicembru 2003 u 6 ta’ April 2004 u bl-imghax mill-10 ta’ Dicembru 2003.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qali li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-incident in kwistjoni ma sehhx b’tort tal-konvenut izda b’tort tas-sewwieq tal-vettura propjeta` ta’ l-attur.

Ra d-dokumenti esebieti u x-xhieda ta’ Reuben Caruana, PS 994 Joseph Abela u Toninu Sammut.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fl-14 ta’ April 2004 meta d-difensur tal-konvenut iddikjara li mhux qed jigi kontestat il-quantum ta’ danni reklamati imma biss ir-responsabbilta` ghall-incident.

Sema t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Dawn il-proceduri jikkoncernaw kollizzjoni li sehhet bejn zewg vetturi: wahda b’numru ta’ registrazzjoni FAJ 526 propjeta` ta’ l-attur Toninu Caruana u li dak in-nhar ta’ l-incident kienet misjuqa minn Reuben Caruana; u l-ohra b’numru ta’ registrazzjoni JAU 073 propjeta` u misjuqa mill-konvenut Toninu Sammut.

L-incident sehh fiz-Zejtun qrib l-inkrocju bejn Triq Xeht il-Forom u Triq Marubja. Reuben Caruana kien qed isuq fi Triq Xeht il-Forom fil-waqt li l-konvenut kien fi Triq Marubja u dahal fi Triq Xeht il-Forom. Il-vettura tal-konvenut (Landrover) ma garrbitx hsarat fil-waqt li l-vettura propjeta` ta’ l-attur garrbet hsarat fil-parti ta’ wara fil-bumper u l-mudguard man-naha tax-xellug.

L-iskizz esebiet ma tantx jghati stampa preciza tal-konfigurazzjoni tat-toroq koncernati tant li l-attur hassu

bzonn li jipprezentaw dik li huma sejhu “mappa” tal-post fejn sehh l-incident (Dok RF6 a fol 19).

Dan id-dokument pero mhux necessarjament jghati stampa preciza tal-konfigurazzjoni tat-toroq koncernati. Fil-fatt il-post fejn sehh l-incident mhux T Junction imma salib it-toroq. In oltre dik il-parti ta’ Triq il-Marubja fejn tidhol f’Triq Xeht il-Forom qeghda fit-tond u fil-wiesgha.

Is-sewwieqa tal-vetturi involuti fl-incident jghatu versjonijiet kontrastanti tad-dinamika ta’ l-incident pero it-Tribunal hu tal-fehma li l-verzjoni mghotija mill-konvenut hija aktar verosimili. Fil-fatt huwa konfermat mill-iskizz li l-konvenut kien diga dahal kompletament fi Triq Xeht il-Forom fil-mument ta’ l-impatt.

Relevanti wkoll huwa fejn hadu d-daqqa z-zewg vetturi u xi hsara garrbu u b’mod partikolari l-fatt li l-bumper tal-vettura propjeta` ta’ l-attur ingibed lura; indikazzjoni li kien is-sewwieq ta’ din il-vettura li hu u ghaddej, x’aktarx b’velocita`, hakk mal-vettura tal-konvenut u ingibed il-*bumper* lura.

Huwa fatt inkontestat li l-konvenut kien hiereg minn triq biex jidhol f’ohra pero mill-provi prodotti xejn ma jindika li hu naqas f’l-osservanza tar-regoli tat-traffiku jew li ghamel xi manuvra li setghet tat lok ghall-incident.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut jichad it-talba atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------